TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIŻJONI NRU 121

KAZ Nru 161

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

The Movement of United Bank Employees

u

il-Management tas-Central Bank,

Mid-Med Bank u l-Bank of Valletta

Data: ~~24~~ 18 ta' Mejju, 1982

Chairman: G.A. Craig

Membri: Sonny Borg
Salvino Spiteri

Fit-12 ta' Settembru 1981, il-Ministru tax-xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali irreferiet lil dan il-Tribunal it-tilwima tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 27(1) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, b'dawn it-terms of remit:

Salary Structure;

Arrears of Salary;

Overtime at time-and-a-half;

House Loan Scheme at reduced rate of interest;

Redundancy Payments;

Profit Sharing Scheme for Bank of Valletta and Mid-Med Bank;

Performance Bonus for Central Bank of Malta;

Status Quo Clause;

"Other points of disagreement arising from the proposed Collective Agreement."

.../2

2. L-għazla tal-membri tat-Tribunal Is-Sur Sonny Borg, biex jirrapprezenta l-interessi tal-Banek saret 'ad hoc' mill-Prim Ministru skond l-Artikolu 26(4)(a) ta' l-Att Nru XXX ta' 1976 waqt li l-ghazla tas-Sur Salvino Spiteri saret mic-Chairman minn panel ta' persuni nominati mit-Trade Unions, skond l-Artikolu 26(2)(b) ta' l-istess Att dwar Relazzjonijiet Industrijali.

3. Il-Partijiet Ghall-Union dehru:

Is-Sur Norman Rossignaud
Is-Sur Joseph Spiteri Staines
Is-Sur Micheal Sciortino
Is-Sur Albert Grasso

Il-Banek kienu rappresentati minn:
Is-Sur Henry C de Gabriele
Is-Sur Emm. Ellul
Is-Sur Frank Flynn
Is-Sur Edward G Abela

4. Smiegh u xhieda Inzammu b'kollox 9 seduti. Barra minn hekk, saru ghadd ta' laqghat 'in camera' bejn ic-Chairman u l-membri tat-Tribunal biex tigi meqjuza d-decizjoni. Instemghet bil-gurament ix-xhieda ta' dawn is-sinjuri li gejjin:

Imsejhin mill-Union:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Louis Grech | - General Manager, Air Malta |
| Is-Sur Albert Grasso | - Vici President tal-Union |
| Is-Sur Joseph Curmi | - General Manager, Sea Malta |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | - Budget Officer, Malta Drydocks |
| Is-Sur Mario Grech | - General Manager, Mediterranean Insurance Brokers |
| Is-Sur Thomas Mayo | - Developing Manager, Malta Drydocks |
| Is-Sur Joseph Spiteri Staines | - Segretarju Generali tal-Union |
| Is-Sur Norman Rossignaud | - President tal-Union |

.../3

Imsejhin mill-Banek:

Is-Sur Robert Stivala - Segretarju Finanzjarju fil-Ministeru tal-Finanzi

Is-Sur Edmond Micallef - Segretarju Amministrattiv fl-ufficcju tal-Prim Ministru

Is-Sur Frank Flynn - General Manager, Mid-Med Bank Ltd.

5. Terms of remit Il-Banek fl-ewwel seduta ssottomettew illi
(a) House Loan Scheme at reduced rate of interest,
(b) Profit Sharing Scheme for Bank of Valletta and Mid-Med Bank u.
(c) Performance Bonus for Central Bank of Malta, ma kellhomx jigu ittrattati ghaliex ma kienux materji ta' kompetenza ta' Tribunal Industrijali u ghalhekk kellhom jigu eskluzi mit-terms of remit ghar-ragunijiet li dawn il-materji qatt ma ffurmaw parti mil-pattijiet jew kondizzjonijiet tax-xoghol ghal impjegati tal-Banek u li fil-fatt anki l-konciljatur fis-seduta ta' 19 ta' Mejju 1981, kien qal li f'dawn it-tlet materji ma setghax jintervieni.

It-Tribunal wara li ra t-tifsira ta' "tilwima ta' xoghol" fl-artikolu 2(1) ta' l-att Nru XXX ta' 1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali sab li dawn it-tlett punti kienu fil-kompetenza tat-Tribunal u ghalhekk ma setghax jilqa s-sottomissjoni tal-Banek. Il-Banek is-sottomettew ukol li l-Tribunal ma setghax inqas jiehu konjizzjoni la ta' l-item "other points of disagreement arising from the proposed Collective Agreement" u inqas ta' l-item "Status Quo Clause" wahda ghax ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'kienu dawn l-"Other points" u l-ohra ghax ma kienitx ta' kompetenza tat-Tribunal. It-Tribunal iddecieda li jisma kollox.

6. Sottomissjonijiet Il-kaz ghal kul wahda mill-partijiet huwa maghmul mill-istatement of case, mix-xhieda, mid-dokumenti esebiti u mis-sottomessjonijiet waqt is-smiegh u dawk finali. Id-dokumentazzjoni, da parti taz-zewg partijiet hija volumenuza u din tifforma parti mill-process u kien ghalhekk li dan il-kaz ha certu zmien izjed min wiehed normali.

7. <u>Statement of Case (Union)</u> Is-Sur Norman Rossignaud is-sottometta li l-ahhar darba li kienu gew riveduti l-pagi u s-salarji fil-banek kienet hekk:

| | |
|---|---|
| fil Bank Centrali | fl-1974 |
| fil Mid-Med Bank | fl-1975 |
| fil Bank of Valletta | fl-1976 |

u ghalhekk revizjoni kienet gustifikata u mehtiega kemm fis-salarji kif ukoll fil-kondizzjonijiet ta' impieg permezz ta' ftehim kollettiv gdid. Iz-zidied li talbet il-Union kienu bazati fuq ragunijiet validi u bazi ta' relattivita ta' salarji fl-1974 bil-ghan li terga tigi stabbilita ir-relattivita bejn id-diversi gradi ta' impjegati u l-paga minima nazzjonali - hekk seta' jiehu l-incentiv biex ikomplu il-profitti tal-Banek u jista' jieqaf l-'exodus' kbir ta' impjegati tal-Banek bi kwalifiki professjonali u snin ta' esperjenza. Il-Union kienet ghamlet it-talba taghha ghal revizjoni f'Settembru, 1979 izda meta rat car li l-Banek ma kienux disposti li jaslu ghal-negozjati posittivi u bil-ghan li jigi evitat inkwiet industrijali, irrevediet it-talbiet taghhom biex tasal f-kompromess. It-talbiet skond l-ittra lis-Segretarju tal-Ministeru tal-Finanzi fit-3 ta' April, 1981 kienu hekk:

| | |
|---|---|
| GENERAL MANAGER | 4514 |
| ASSISTANT GENERAL MANAGER | 4200 |
| MANAGER III | 4000 |
| MANAGER II | 3800 |
| MANAGER I | 3400 x 100 - 3600 |
| SUPERVISOR II | 2700 x 100 - 3200 |
| SUPERVISOR I | 2100 x 100 - 2800 |
| CLERK I | 1750 x 60 - 2050 x 75 - 2350 |
| MESSENGER II | 1900 x 60 - 2200 |
| TELEPHONE OPERATOR/MESSENGER I | 1630 x 60 - 2050 |
| FOREMAN | 1870 x 60 - 2350 |
| LEADING MAN/TECHNICIAN | 1820 x 60 - 2180 |
| TRADESMAN | 1740 x 60 - 2100 |
| NIGHT WATCHMAN ETC. | 1710 x 50 - 1960 |
| FATIGUEMAN | 1610 x 50 - 1860 |
| CHARWOMAN | 1530 x 50 - 1780 |

.../5

Il-Banek mac-caqilqux mil-posizzjoni ta' qabel ghajr billi offrew li jinholqu zewg gradi godda li kienu jeffettwaw parti biss mill-impjegati tal-Banek u dan ghaliex skond huma l-koncessjonijiet tal-impjegati tal-Banek ma kellomx jeccedu l-kondizzjonijiet ta' l-impjegati pubblici u li dan kien jirrizulta minn sezzjoni 32 ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali. Izda, sostniet l-Union, relattivita ma kienitx tfisser ugwaljanza ghaliex kieku ma kienx ikun hemm lok ta' dan it-Tribunal kif juri l-istess att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali li jaghmel distinzjoni bejn l-impjegati tal-Gvern u ohrajn u ghalhekk 'relattivita' ghanda tigi interpretata fis-sens aktar wiesa minn 'ugwaljanza', ghax kull settur kellu il-problemi partikolari tieghu, u fil-fatt f'kumpaniji u korpi ohra fejn il-Gvern ghandu kontroll, bhall-Air Malta, Sea Malta u ohrajn, il-kondizzjonijiet jiddefferixxu min dawn tas-servizz pubbliku u ghalhekk kellu ikun hemm apprezzament xieraq u gust tal-meriti ta' l-impjegati fis-settur Bankarju ghal ragunijiet li a) l-Banek huma intraprizi kummercjali u s-success taghhom jitqies mill-profetti b) in-natura tax-xoghol hi teknika u specjalizzata c) ir-responsabbilita involuta fix-xoghol u l-kwalifiki mehtiega biex tavvanza d) ir-riskju kbir li ghandu l-impjegat.

<u>Fuq l-arretrati fuq is-salarji</u> gie sottomess li kienet il-prattika li l-arretrati jithalsu mid-data ta' meta saret it-talba irrespettivament kemm ghadda zmien sakemm jintlahaq ftehim. Gew kwotati ezempji bhal i) Ftehim kollettiv tal-Bank of Valletta 1976 ii) it-talba ta' l-overtime li ghamlet l-M.U.B.E. fis-27 ta' Marzu, 1979 u dik ta' l-istess Union fuq l-Overtime Bar ghas-Supervisors iii) Ftehim kollettiv tas-Sea Malta fejn is-salarji thalsu mil 1 ta' Jannar 1980 u dawk ta' l-Air Malta mill 1 ta' April, 1979 iv) Fuq kollox gie kwotat li l-Ministru tal-Finanzi kien f'Settembru 1980 kien ikkommetta ruhu li l-arretrati jithalsu mill 1 ta' Jannar, 1980.

.../6

Overtime bis-siegha siegha u nofs  Il-Unions huma kontra l-overtime wahda ghax ma jridux li sieghat tax-xoghol jitwalu, l-ohra ghax l-overtime johnoq il-htiega ta' aktar impiegi u l-ohra ghax il-Management isibu illi jaqbillhom. Izda mhux dejjem l-overtime jista' jigi evitat imma jekk isir ghandu jigi mhallas bir-rata normali ta' siegha siegha u nofs ghal gradi kollha li jithallsu ta' l-overtime u ma kienx hemm raguni valida l'ghala kellu jkun hemm distinzjoni bejn impjegati industrijali u iehor li mhux. Din kienet ingustizzja li kella titnehha.

House Loans b'rata orhos ta' nteressi dawn il-'Fringe Berefits' li huma marbuta mal-prodott jew servizz provdut kienu jinghataw mill-Banek ta' Malta lil-impjegati taghhom bhala incentiva u biex izommu l-impjegat jahdem maghhom minflok imur jahdem band ohra. Barra minn Malta ghadhom jinghataw mill-Banek 'house loans' b'rata baxxa ta' interessi lill-impjegati taghhom. Malta il-principju ta' 'Fringe benefits' dahal f'hafna postijiet bhal per ezempju l-Air Malta fejn l-impjegati igawdu sussidju fuq titjiriet bl-arju. Dawn il-beneficcji jghinu mhux ftit biex l-impjegat jahdem izjed u ma jfittix post iehor. Il-Gvern addotta sistema ta' ghajnuna ghal min irid jibni jew jixtri darhu. Minkejja dan il-Banek ta' Malta li dari kienu jaghmlu dan, ma baqux. Minflok jekk jisselfu, il-Bank jiccargjahom seba fil-mija filwaqt li certi klienti jigu iccargjati sitta fil-mija.

Redundancy Payments  L-impjegati tal-Bank of Valletta u tal-Mid-Med Bank jahdmu na Limited Liability Company li ghal diversi ragunijiet, jistghu jigu likwidati u l-impjegati jitilfu xogholhom. Dan gara fil-kaz tan-National Bank of Malta u l-Bical. Il-htiega li azjenda twaqqaf skema ta' 'Redundancy Payments' biex tkun f'posizjoni illi tikkompensa l-impjegati taghha ghas-snin ta' servizz li jkunu tawha qeda tinhass il-gustifikazzjoni taghha ghax fil-kaz ta' impjegati anzjani mhux facili li jsibu mpieg. Dan il-biza ta lok ghalieh hadd hlief il-Management meta fil-minuti tal-laqgha tal-15 ta' Settembru, 1980 kien hemm: "The Chairman also reiterated what he had already conveyed to the Union President, namely that

consideration would be given to setting up a new commercial bank and close down Mid-Med Bank and the Bank of Valletta should the situation become such that these two Banks could not give a proper service, because for instance of industrial action." Kien il-Prim Ministru stess li hass il-htiega li jappella lil Kumpaniji biex jibnu fond ta' sitt-xhur paga kontra ir-'Redundancies'. Il-Banek jghidu li din il-mizura ma hemx bzonna ghax il-possibbilta li l-impjegati taghhom jitilfu il-post hija remota; u precizament ghalhekk li l-Union qed titlobha din il-mizura jekk mhux ghalxejn biex isserrah mohh l-impjegati.

Profit Sharing Scheme ghal Bank of Valletta u l-Mid-Med Bank Ltd.

Il-Union qed titlob 'profit sharing scheme' fuq formola taghha li hi:

Net profit after income tax
Less 8% in shareholders' Funds
at begining of financial year

Profits to be shared

$$\text{Employees' Share} = \frac{\text{Profits to be shared}}{2}$$

$$\text{Employees' Share} = \frac{\text{Employees' Share}}{\text{number of employee months}} \times \text{months worked}$$

Il-Union sostniet li l-principju ta' participazzjoni fil-profitti hu accettat f'hafna pajjizi kif ukoll f'pajjizna. Anki l-istess amministrazzjoni presenti stqarret dan fil-Manifest Elettorali tal-1976. Dan il-principju gie addottat f'azjendi tal-Gvern ta' Malta bhal "Malta Drydocks" l-Interprint, l-Inqabba Marbles u l-Air Malta. Anki il-Banek gieli taw 'bonus' lill-haddiema - l-ahhar wiehed kien ghas-sena 1979 li thallas f'Gunju 1980 meta f'din l-okkazjoni il-Board fost affarijiet ohra qal "Din il-ghotja ta' Bonus hija parti mill-politika tal-Gvern li fejn hu possibli l-impjegati jipparticipaw permezz ta' beneficcji ta' din ix-xorta." Il-Union qeghda titlob skema li ma tkunx tiddependi mid-diskriminazzjoni tal-Board tad-Diretturi.

.../8

Performance Bonus fil-Bank Centrali Peress li l-att dwar il Bank Centrali jipprekludi lill-Bank milli jhallas xi remunerazzjoni lill-impjegati tieghu li tkun ibbazata fuq xi qliegh maghmul mill-istess Bank, il-Union qeda titlob li:

"(i) At the end of each year, the Bank shall pay the employees a Performance Bonus in appreciation of the employees' duties. Such a Bonus shall be additional to any bonus granted by Government. This Bonus shall not be prejudiced by the employees', compliance to a legitimate Trade Union directive of Industrial Action.

(ii) The amount of such bonus shall be mutually agreed by the Bank and the Union. When computing such bonus, due regard shall be given to any similar amounts paid by other banks."

Il-Union thoss li l-impjegati tal-Bank Centrali ghandhom jiehdu xi hlas imkejjel fuq ir-rizultat tal-Banek Kummercjali.

Status Quo Clause Il-Union tghid li ghandu ikun hemm fil-ftehim dik il-klawsola biex l-ebda parti ma tiehu azzjoni unilaterali fuq xi kwistjoni li ma tkunx miftehma fil-ftehim kollettiv jew fuq xi interpretazzjoni tal-ftehim Kolletiv. F'dan il-kaz il-Union tara l-htiega li z-zewg partijiet jintrabtu li jhallu kollox kif inhu sakemm il-makkinarju provdut jigi ezawrit.

Divergenzi Ohra il-Union talbet ukoll li xi divergenzi dwar (i) Disciplinary Procedure u (ii) Cessation of Work jigu rrangati.

8. Statement of Case (Tal-Banek) Is-Sur Henry C de Gabriele ghal Management tal-Banek issottometta li waqt in-negozjati mal-Union ic-Chairman kien ghamilha cara mil-bidu, fl-ewwel seduta ta' 10 ta' Jannar, 1980, illi l-Banek ma setghux jaqblu ma l-ebda talba ghal-pattijiet u kondizzjonijiet ta' servizz li jmorru oltre dawk tas-Servizz Civili u li dan inqas ma kien ifisser li jaqblu automatikament ma kondizzjonijiet ekwivalenti ghal dawk tas-Servizz Civili. Fis-seduta ta' wara (7 ta' Marzu,1980) fuq talba tal-Union

ghal-klarifika dwar dan, ic-Chairman rega tenna dak li kien ghamel b-izzejjed car fis-seduta ta' 10 ta' Jannar, illi diskussjonijiet kellhom isiru ristretti fil-'parameters' tal-pattijiet u kondizzjonijiet applikabbli lis-Civil Service, u li dan ma kienx ifisser "Settur Pubbliku". Dan l-istess koncett kien rega gie mtenni f-laqghat mal-Union fil-Ministeru tal-Finanzi. Fil-fatt, sostnew il-Banek, l-Union accettat kemm implicitament kif ukoll esplicitament din it-tezi ufficjali matul id-diskussjonijiet tal-Ftehim Kollettiv, kif ukoll qabel meta irrevediet it-talba taghha ghal-struttura tas-Salarji. Imma waqt li l-Union accettat li s-salarju ta' General Manager kellu jkun daqs dak ta' Segretarju (Skala 2) fic-Civil, qasmet din il-komparabilita bejn gradi ohrajn tal-Banek u l-gradi korrispondenti fis-Servizz Civili. Dan il-Banek ma setghux jaghmlu legalment.

<u>Il-Posizzjoni Legali</u> L-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' 1967 jghid: "The Minister may, if he thinks it necessary inthe national interest, and after consultation with the Governor of the Bank, give to the Bank such directions in writing as he may deem appropriate, and the Bank shall comply with such directions." Bis-sahha ta' dan l-Artikolu il-Ministru tal-Finanzi bl-ittra tieghu tat-28 ta' Awwissu, 1974, lid-Deputat Governatur tal-Bank Centrali (Dok 26) tah din id-direttiva biex jisgura li l-kondizzjonijiet tas-Servizz ta' l-impjegati tal-Bank ma jmorrux oltre dawk tas-Servizz Civili. Anki meta gew biex jiddiskutu il-kondizzjonijiet ta' l-Bank of Valletta, il-Union sostniet li l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tax-xoghol kellhom ikunu bhal dawk tal-Bank Centrali. Fuq kollox, il-ligi dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ta' 1976 tistabbilixxi car il-principju tar-relattivita ta' l-impjegati involuti f'din il-kwistjoni. L-Artikolu 32(3) ta' l-Att jghid hekk:-

"Meta l-kwistjoni quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar persuni mpjegati ma korpijiet maghquda mwaqqfin b'ligi u mmexxija minn bord jew korp iehor mahtur mill-Gvern, jew tkun dwar persuni mpjegati ma kumpaniji li fihom il-Gvern ghandu l-interess li bieh jikkontrollahom, kull sentenza jew decizjoni tat-Tribunal

.../10

ghandha tara li tistabbilixxi jew izzomm relattivita' xierqa bejn il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' dawk l-impjegati u l-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-ufficjali pubblici".

Il-Banek jaqghu taht dan il-provvediment.

X'Sar fl-imghoddi

Fis-16 ta' Jannar 1975 il-Bank Centrali u l-Union iffirmaw ftehim dwar l-istruttura gdida tas-salarji fuq linji tal-ftehim tar-reorganizzjoni fis-settur tal-Gvern li gie sseh mill-l ta' Frar, 1974. Dan il-ftehim stabbilixxa relattivita mal-gradi komparabbli tas-Servizz Civili. Il-bazi tad-diskussjonijiet mal-Union kienet ir-relattivita u fuq dan sar il-ftehim.

Fil-formulazzjoni ta' dan il-ftehim il-Bank Centrali u l-'Establishments' filwaqt li rrelataw il-'Clerk' u 'Supervisor grades' tas-Central Bank ghal Clerk I u Clerk II fis-Servizz Civili, applikaw skala ta' salarju ftit u xejn ghola minn dawk ghal gradi komparabbli fis-Servizz Civili; dan sar minhabba "wider duties and qualification requirements" ta' dawk tal-Bank, u fil-kaz ta' gradi izjed gholjin ir-relattivita kienet generusa bhal per ezempju Principal/Manager II fil-Bank gie komparat ma Assistant Head fis-Servizz Civili; il Professional/Manager III gie ekwiparat mal-grad ta' Head I (bhal per esempju l-Accountant General) fis-Servizz Civili.

Meta gie mwaqqaf il-Mid-Med Bank, gie ffirmat ftehim mal-Union fit-30 ta' Settembru, 1975, fejn l-impjegati li kienu ma Barclays Bank gew impjegati mal Mid-Med Bank b'pattijiet u kondizzjonijiet ugwali ma dawk tas-Central Bank u l-istess fil-31 ta' Jannar, 1976, fuq talba tal-Union gie ffirmat ftehim dwar l-impjegati tal-Bank of Valletta fuq l-istess bazi tal-Bank Centrali u tal-Mid-Med Bank.

Dan biex juri li din ir-relattivita kienet dejjem tezisti u accettata mill-Union u stabbilita; u t-talba originali tal-Union kienet taqsmu dan il-principju accettat u stabbilit bl-Artikolu 32(3) tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

<u>Revised Union Claim</u>  Il-Union irrevediet it-talba taghha waqt in-negozjati u waqt li halliet is-salarju l-izjed gholi tal-Grad ta' General Manager relatat ma dak tal-grad ta' Segretarju fis-Servizz Civili, kissret ir-relattivita tal-gradi kollha l-ohra mal-gradi komparabbli fis-Servizz Civili. Argumenti sodi ghal dan ma ngibux izda billi biex jidhlu mal-Bank irid illi wiehed ikollu 'A' Level almenu f'suggett wiehed, il-Bank kienu lesti jghollu il-"minimum", altrimenti il-Bank isostnu li it-Tribunal ghandu jara illi ir-relattivita li hemm skond Artikolu 32(3) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali tinzamm kif inhi.

<u>Redundancy Payments</u>  Il-Bank sostnew li 'Redundancy Payments' tipprovdi ghalihom il-'Conditions of Employment (Regulation) Act (Att Nru XI ta' 1952) u li ma kien hemm ebda gustifikazzjoni l-ghala il-Bank kellhom jipprovdu ghalihom. Anki il-'konciljatur' ufficjali ikkonferma li dawn ma ghandhomx jigu nkorporati fil-ftehim kollettiv.

<u>Status Quo Clause</u>  Il-proposta li tidhol din il-klawsola ma tistghax tigi accettata mill-Bank ghax torbot idejn il-Management. Il-Bank ma jistghux jaccettaw haga li tinnegalhom id-dritt li jimmaniggjaw.

<u>Overtime kull siegha, siegha u nofs</u>  L-overtime hu mhallas fuq l-istess bazi li hu mhallas fis-Servizzi Civili u ghalhekk il-Bank ma jistghux jiccaqalqu min din il-posizzjoni.

<u>Arretrati</u>  iz-zidied li offrew il-Bank kienu ekwivalenti ghaz-zidied fin-National Insurance Contribution fl-1980 u fl-1981 u kienu jigu effettivi mill-1 ta' Jannar, 1981. Ma jistghux il-Bank jaccettaw data il-boghod minn din.

<u>Konkluzjoni</u>  Legalment il-Bank ma jistghux imorru kontra dak li kien stabbiliet bil-ligi. Apparti minn dan il-Bank ihossu illi kienu "fair" ma l-impjegati taghhom. Barra milli l-pattijiet u l-kondizzjonijiet taghhom huma relatati ma dawk applikabbli ghall ufficjali pubblici il-Bank jaghtu kwalinkwe nkoraggiment biex

l-impjegati jzidu l-abbilta u l-esperjenza u jaghtu wkoll skop biex wiehed javvanza. Ihossu wkoll li r-relattivita mal-gradi tas-Servizz Civili li hemm illum ma ghandiex bl'ebda mod tinkisser.

9. Dokumenti esibiti:

Ma tul is-smiegh tal-kaz gew esibiti dawn id-dokumenti - Mill-Movement of United Bank Employees:-

a) Lista ta' xhieda. Dok Nru 1.

b) Statement of case bid-data tat-22 ta' Ottubru, 1981. Dok Nru 6.

c) Kopja ta' stqarrija mahruga mill-Information Division ta' Kastilja bid-data tat-12 ta' Awwissu 1981. Dok Nru 8.

d) Kopja ta' extract mill-Collective Agreement tan-National Bank of Malta (pagna 28) Dok Nru 9.

e) Kopja ta' Abozz ta' ftehim dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol u il-Produzzjoni tal-Kumpanija Interprint Limited. Dok Nru 10.

f) Kopja ta' ftehim dwar il-Kondizzjonijiet tax-xoghol u Produttivita bejn l-Mqabba Marbles u t-Taqsima Parastatali u Industrijali tal-Poplu tal-G.W.U. ghall-perjodu 1/1/81 - 31/12/83. Dok Nru 11.

g) Kopja tal-Collective Agreement between Air Malta and the Port & Transport Section and the General Association of Clerical and Supervisory staffs of the G.W.U. bid-data taz-17 ta' Marzu 1980. Dok Nru 12.

h) Kopja ta' Agreement bejn is-Sea Malta Co. Ltd. u s-Supervisory Technical & Professional Staff Association G.W.U. bid-data tal 11 ta' Frar, 1981 dwar xi amendi fil-Collective Agreement. Dok Nru 13.

i) Kopja ta' Extracts from Proposed Re-Organisation of Central Bank grades and Salary scales bid-data ta' 18 ta' Novembru 1974. Dok Nru 14.

j) Kopja ta' extracts from Finalised Agreement between the Board of Directors of the Central Bank of Malta and the Bank Staff Unions on the re-organisation of the Central Bank grades and salary structure bid-data ta' 16 ta' Jannar, 1975. Dok Nru 15.

k) Kopja ta' Staff Circular Nru 47/79 tal-Mid-Med Bank bid-data ta' 9 ta' Novembru, 1979 rigward Division of Disturbance Allowance. Dok Nru 16.

l) Kopja ta' Staff Circular Nru 21/81 tal-Mid-Med Bank bid-data taz-17 ta' Gunju, 1981, rigward Division of disturbance Allowances and Travelling Expenses. Dok Nru 17.

.../13

m) Kopja ta' Staff Circular Nru 3/82 tal-Mid-Med Bank bid-data tal-11 ta' Jannar, 1982 rigward Overtime - Rates of Payments. Dok Nru 18.

n) Kopja ta' pagni 61 u 62 ta' House Purchase Schemes ta' diversi banek Inglizi. Dok Nru 19.

o) Kopja ta' Staff Loans li ggib in-numru 11 u 12. Dok Nru 20.

p) Kopja ta' House Loans li ggib in numru 13. Dok Nru 21.

q) Kopja tal-pagna 32 tas-Sunday Times tas-17 ta' Lulju, 1981, Dok Nru 23.

r) Sottomissjonijiet finali tal-M.U.B.E. bid-data tat-22 ta' Marzu. 1982. Dok Nru 31.

s) Kopja ta' draft of minutes of a meeting held between the Central Bank of Malta, Mid-Med Bank Ltd., Bank of Valletta Ltd. and the Movement of United Bank Employees on Monday 4th May at 2.00 p.m. Dok Nru 31A.

Mill-Management tas-Central Bank, Mid-Med Bank u l-Bank of Valletta

a) Lista ta' xhieda. Dok Nru 2.

b) Kopja ta' agreement between the Government and Mid-Med Bank bid-data ta' 30 ta' Settembru, 1975. Dok Nru 3.

c) Kopja ta' Agreement between the Board of Directors of the Central Bank of Malta and the Bank Staff Unions on the re-organisation of the Central Bank grades and salary structure bid-data tas-16 ta' Jannar, 1975. Dok Nru 4.

d) Kopja ta' Agreement between the Bank of Valletta Ltd. and the Malta Union of Bankers bid-data tal-31 ta' Lulju, 1976. Dok Nru 5.

e) Statement of Case bid-data tas-26 ta' Ottubru, 1981. Dok Nru 7.

f) Kopja ta' Notes of Meeting held at the Ministry of Finance, Customs and People's Financial Investments on 28th January, 1981 Dok Nru 22.

g) Kopja ta' minutes of meeting between the Central Bank of Malta and the Malta Union of Bankers held on Wednesday 8th January, 1975 at 9.30 a.m. Dok Nru 24.

h) Kopja ta' stqarrija mill-Agent Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, Dr Joseph Cassar dwar il-kwistjoni tal-Banek bid-data tal-Erbgha 12 ta' Awwissu, 1981. Dok Nru 25.

i) Kopja ta' Agreement between the Government and the Board of Directors of the Central Bank of Malta on the re-organisation of Central Bank Grades and Salary Structure. Dok Nru 27.

j) Kopja ta' Agreement between the Board of Directors of the Central Bank of Malta and the Bank Staff Unions on the re-organisation of the Central Bank Grades and Salary Structure effective 1 February 1974. Dok Nru 28.

k) Kopja ta' Agreement between Mid-Med Bank Ltd. and the Unions bid-data ta' 30 ta' Settembru, 1975. Dok Nru 29.

l) Kopja ta' Agreement between the Government and Mid-Med Bank Ltd. bid-data 30 ta' Settembru 1975. Dok Nru 30.

m) Sottomissjonijiet finali f'isem il-Bank Centrali, il-Mid-Med Bank u l-Bank of Valletta bid-data tat-22 ta' Marzu 1982. Dok Nru 32

n) Risposta ghas-Sottomissjonijiet Finali tal-M.U.B.E. mill-Management tat-tlett Banek. Dok Nru 33.

Ippresentata mis-Sur Robert Stivala - Segretarju Finanzarju fil-Ministeru tal-Finanzi

o) Kopja ta' ittra bid-data ta' 28 ta' Awwissu, 1974, minghand il-Ministru J Abela indirizzata lis-Sur L Spiteri, Deputy Govenor tas-Central Bank of Malta. Dok Nru 26.

10. Xhieda Mix-xhieda li sema it-Tribunal, mressqa mill-Union, kif ukoll mid-dokumenti voluminuzi li esibiet, jidher car li waqt li l-Banek qed ipogguhom fil-morsa tar-relattivita mas-Servizz Pubbliku ghal dak li jirrigwarda pattijiet u kondizjonijiet tax-xoghol, Korpi ohra li jinsabu fl-istess qaghda tal-Banek ma qaghdux ghal din ir-relattivita u mxew ghal-rashom. Dan deher car mix-xhieda tal-General Manager ta' l-Air Malta, Sea Malta u tal-Mediterranean Insurance Brokers, kif ukoll mix-xhieda tas-Sur T Mayo u A Degiovanni, jidher li l-Malta Drydocks mhux biss imxew ghar-rashom imma anki irrifjutaw ir-relattivita mas-servizz pubbliku, ghal ragunijiet legittimi. Anki fil-ftehim kollettiv tal-Malta Marbles u ta' l-Interprint jidher li hemm ukoll differenzi. Dan il-Union harguh car. Il-Banek min naha l-ohra, mix-xhieda prodotti minnhom, hareg car ukoll li l-Bank Centrali kien marbut li jimxi skond id-direttiva tal-Ministru tal-Finanzi tat-28 ta' Awwissu, 1974 u,

mal-Bank Centrali, kienu marbutin il-Bank Kummercjali. Dan jidher ukoll li ntqal kemm il darba u li l-Unions kienu jafu biha din il-politika tal-Gvern.

11. Sottomissjonijiet Finali tal-Union Il-Union issottomettiet li hi biex turi rieda tajba rrevidiet sostanzjalment it-talbiet originali taghha biex tasal ghal kompromess izda dak li offra l-management lill-maggoranza tal l-impjegati kien ipoggihom f'qaghda finanzjarja aghar minn dik li kienu fiha meta saret it-talba ghaz-zieda. Id-differenza bejn dak li offra l-Management u t-talba tal-Union fl-ebda grad ma teccedi l-1/10%u kien ghalhekk li t-Tribunal seta jilqa t-talba minghajr ma johrog mill-morsa ta' relattivita mas-settur pubbliku ghax relattivita mhux ugwaljanza. Iz-zieda li hadu d-Drydocks kienet ta' bejn 25% u 33% u dan kien bil-barka ta' kulhadd. Il-profitti tal-bank irduppjaw mill-1977 sa 1981 u l-General Manager tal-Mid-Med Bank, fix-xhieda tieghu, qal li zzieda mitluba setghet tintlahaq facilment.

Arretrati fuq Salarji Gie sostnut li kienet il-prattika li meta talba tal-Union tintlaqa, din tkun effettiva mid-data li fiha tkun saret it-talba. Sar hekk anki fil-Bank f'hafna azjendi para-statali kif johrog mix-xhieda prodotta bhad-Drydocks, Air Malta , Sea Malta u ghalhekk il-Union kienet tistenna li hekk isir fil-kaz in kwistjoni.

Overtime bis-siegha-siegha u nofs Il-Union ipproduciet xhieda biex tipprova li fil-korpi Parastatali bhal Air Malta, Sea Malta, Mediterranean Insurance Brokers u l-Malta Drydocks l-overtime, ghal kulhadd, industrijali u mhux industrijali, jithallas bis-siegha siegha u nofs u ma kien hemm ebda raguni l-ghala fil-bank ma kellux jithallas hekk ukoll. Fil-present il-fattiga tithallas izjed mis-supervisor.

House Loans b'rata ta'mghax baxx Il-Union uriet li fl-imghoddi il-Bank kienu jghatu lill-impjegati taghhom il-facilita ta' self b'imghaxx baxx ghal min irid jixtri jew jibni id-dar tieghu.

1

.../16

Ghad hemm mpjegati li ghadhom jibbenifikaw minn din il-mizura li kienet taqbel mhux biss ghall impjegat izda wkoll ghal Bank ghax bhal ma qal sewwa xhud tal-Banek stess, misura bhal din "timmazzra" l-impjegat fl-impieg tieghu u thin biex twaqqaf 'l-exodus' tal-impjegati tal-Banek.

Redundancy Payments gie sottomess li anki l-Gvern prezenti jaqbel ma xi forma ta' Redundancy Payments. Dan hu socjalment gust ghax impjegat li jkun ta snin twal ta' servizz ghandu jkollu 'buffer' fuqhiex jaqa' jekk jigi biex jitlef l-impieg tieghu. Fuq kollox aktar ma l-impjegat ikun imdahhal fiz-zmien, aktar isir difficili ghalih li jsib xoghol iehor. Il-Banek qalu li din il-mizura kienet provduta fil-Conditions of Employment Regulations Act li kienet tipprovdi biss ghal pagament ta' nofs l-'unexpired period of notice' li tammonta ghal erba gimghat paga. Xhud tal-Banek ikkonferma li din il-mizura kienet ta' beneficcju kbir meta gara li gara minn Barclays Bank International Ltd. U dak li kien tajjeb dakinhar ghadu tajjeb illum.

Profit Sharing u Performance Bonus Il-principju tal-Participazzjoni tal-haddiem fil-profitti ta' l-intrapriza li jkunu jahdmu hija illum accettata. Dak li jonqos hu li titpogga fil-pratika dak li hu predikat. Il-Union ghamlitha cara li dak li pporponiet kienet proposta biss u lesta biex tikkonsidera xi formula ohra li tigi mill-Banek. Il-Union bix-xhieda u dokumenti li ppresentat li korpi parastatali bhal Interprint u l-Malta Marbles din il-mizura tifforma parti mil-ftehim kollettiv u ghalhekk wiehed johoda li kienet policy tal-Gvern. Jekk dan il-principju jigi skartat, il-kliem kollu sabieh ta' ncentiv lill-haddiema ikun qiegħed jigi michud lis-settur Bankarju u billi fil-Bank Centrali ma jistghax isir minhabba legislazzjoni, ghandu jinghata "performance bonus".

Status Quo Clause Din tfisser, fil-fehma tal-Union inqas inkwiet u ghanda tigi approvata minn kull min jixtieq li rrelazzjonijiet industrijali bejn iz-zewg partijiet jkunu tajbin.

L-Ittra tat-28 ta' Awwissu 1974 Din inkitbet lill-Bank Centrali biss taht id-dispozizzjonijiet tas-Central Bank Act 1967 mill Onor. Ministru tal-Finanzi. Il-Union issottomettit li l-Ministru jista' jaghti direttivi taht il-paragrafu 30 ta' l-Att "jekk jidhirlu mehtieg fl-interess nazzjonali u wara konsultazzjoni mal-Gvernatur tal-Bank" u li l-legislatur ma kellux f'mohhu struttura ta' salarji imma affarijiet ferm differenti. Il-Union sostniet din it-tesi taghha billi qalet li f'kazi ta' urgenza dwar materji "ta' interess nazzjonali" il-Ministru mhux biss kellu is-setgha izda id-dmir li jghati direttivi lill-Bank Centrali. Fil-fatt il-paragrafu 30 ta' l-Att qieghed fil-parti tal-Att ntitolata "Relazzjonijiet mal-Gvern"(Taqsima IV). F'din il-parti wiehed isib definizzjoni tal-Bank Centrali bhala "bankier tal-Gvern". Bankier ta' fondi u istituzzjonijiet parastatali, jista javvanza flus lill-Gvern u jista jagixxi b'mod generali bhala agent tal-Gvern u ghalhekk Artikolu 30 ma jista bl-ebda mod jinftihem hlief li l-funzjoni tal-Ministru ghanda tkun marbuta ma relazzjonijiet mal-Gvern ta' serjeta msemmija fl-istess Taqsima IV u mhux fil-funzjoni ordinarja ta' kuljum kif sostnew il-Bank. Hi u ghaddejja l-Att fil-Parlament, b'referenza ghall-Artikolu 30, iz-zewg nahat qablu li l-ministru jaghti direttivi f'kazi eccezzjonali u l-Onor. Dom Mintoff qal, fost affarijiet ohra dwar l-artikolu 30, "Il-Ministru jifhem ukoll illi dan biex jinqala jkun hemm affarijiet serji hafna. Biex tinqala kwistjoni bhal din hu fl-interess pubbliku li jkun jaf, ghaliex dawn ma humiex affarijiet li soltu jinqalghu." Il-Union sostniet li l-interpretazzjoni tal-ligi ma thalli l-ebda dubju illi l-Ministru ghandu jezercita din id-deskrizzjoni f'kazi estremi ta' htiega u urgenza kbira. Ikun redikolu li wiehed jippretendi li r-relattivita dwar is-salarju tal-impjegati tal-Bank Centrali hija kwistjoni ta' natura serja tant, ta' htiega nazzjonali u ghalhekk l-ittra tal-Ministru ghanda valur ta' ittra Ministerjali u l-Board mhux marbut b'dawk id-direttivi u anki kieku, ma jfisser qatt illi dan it-Tribunal mhux kompetenti li jidhol fil-meriti tal-kwistjoni u jiddecedi dwar dan l-istess meritu ghax kieku wiehed jasal ghal konkluzjoni assurda li jekk il-Ministru jaghti direttiva li jirriducu l-pagi u l-bank jkollu jaghmel dan, hu ammissibbli li

l-impjegati ma jkunux jistghu jikkontestaw id-decizjoni? Fuq kollox jidher li l-Bank Centrali ma segwiex f'kollox id-direttiva bhal fil-kaz ta' l-overtime lill Messaggiera. Fuq kollox zgur li l-Gvern ma segwiex l-istess linja ma korpi parastatali ohra u ma kumpaniji li fihom il-Gvern ghandu nteress ta' maggoranza kif hareg abbondantement car mix-xhieda tas-Sur Curmi dwar is-Sea Malta, tas-Sur L Grech dwar l-Air Malta, tas-Sur Mario Grech dwar il-Mediterranean Insurance Brokers, tas-Sur A Degiovanni dwar id-Drydocks.

Ix-xoghol huwa ta' natura differenti li paraguni mhux possibbli u hawn ikkwotaw award ta' Imhallef Professur J.H. Xuereb fejn dan ghamlu car. Anki jekk ghal grazzja ta' l-argument wiehed jaccetta xi valur ta' l-istess ittra, din ma tghidx li l-kondizzjonijiet ghandhom ikunu identici grad bi grad. F'ittra stess il-Ministru qal "do not go beyond" u dan mhux qbil ezatt bejn il-gradi individwali. Anki s-Sur E Micallef u s-Sur R Stivala fix-xhieda taghhom qalu li r-relattivita ma kienitx wahda rigida, fil-fatt minkejja l-allegazzjoni kuntrarja fl-offerta li ghamlu lill-Union, il-parameters tal-Gvern biss gew osservati u l-Union is-sostni li "do not go beyond" tfisser li l-parameters tac-Civil kellhom ikunu l-ghola u l-icken salarju ghal haddiema tac-Central Bank u jekk it-Tribunal josserva li l-Union fit-talba taghha ma ecceditx l-iskala tas-salarji fic-Civil u ghalhekk xejn ma jzomm lit-Tribunal li jilqa it-talba tal-Union, u hawn gie wkoll kwotat il-Prim Ministru meta waqt il-passagg ta' legislazzjoni dwar Relazzjonijiet Industrijali, fil-5 ta' Lulju, 1976 qal ".........qed nghid ukoll illi ahna qed naghmlu proviso hawn illi anki meta jkun hawn id-direttivi generali, jekk dawn ma jkunux skond il-principji tal-Gustizzja Socjali, allura l-arbitru, dak li ser ikun imhallef f'dawn il-kwistjonijiet jista jinjorhom u jimxi skond il-principji tal-Gustizzja Socjali", u ghalhekk it-Tribunal ghandu jinjora kwalunkwe direttiva u kwalunkwe ittra illi tmur kontra l-principji tal-gustizzja socjali u dawk ta' l-istess principji li wasslu lill-Gvern itejjeb il-kondizzjonijiet tal-impieg ta' l-impjegati konnessi mieghu fis-Sea Malta, Air Malta, M.I.B., Drydocks u ohrajn ghandu jwassal ghall-istess rizultat fil-Banck, ghax-relattivita ma tfissirx ugwaljanza.

.../19

12. <u>Sottomissjonijiet Finali tal-Banek</u> Il-kaz ghall Banek kien car ghax huma kienu prekluzi li jilqghu talbiet li bihom il-kondizzjoniet u l-pattijiet tal impjegati fil-banek ma jibqghux konformi ma dawk korrenti applikabbli ghall-impjegati fis-servizz pubbliku. Il-Banek ihossu li l-kondizzjonijiet fit-tlett Banek kienu omogenji infatti, il-ftehim kollettiv mifthiema mal-Union fil-kaz kemm tal-Bank of Valletta u tal-Mid-Med Bank jistabbilixxu komparabbilita mal-Bank Centrali fl-istruttura ta' gradi, salarji u kondizzjonijiet ta' impieg. X'kienu qabel meta dawn iz-zewg banek kienu tal-privat mhux relevanti. Il-Banek sostnew li hareg car hafna l-punt li, bis-sahha tad-direttiva legalment moghtija fit-28 ta' Awwissu, 1974, mill-Ministru tal-Finanzi taht sezzjoni 30 ta' l-att tal-Bank Centrali 1967 lill-Board tad-diretturi tal-Bank (Dok 26) u li ghada effitiva ghax qatt ma giet revokata jew irtirata, il-Bank Centrali kien u ghadu kostrett li jizgura li, fl-interess nazzjonali u f'kull zmien, il-kondizzjonijiet ta' l-impjegati tieghu m'ghandhomx jiccedu dawk applikabbli ghas-servizz pubbliku. Mhux hekk biss, izda il-prattika u l-konswetudini huma tali li l-kondizzjonijiet ta' l-impieg fiz-zewg Banek Kummercjali huma marbutin ma dawk tal-Bank Centrali. L-istess Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ghandu l-istess koncett u jorbot lit-Tribunal li jisgura dan il-principju ta' relattivita fi kwalunkwe decizjoni ta' kazi li jikkoncernaw impjegati ma korpi mwaqqfa b'sahha ta' ligi, dawk statutorji u kumpaniji li fihom il-Gvern ghandu 'controlling interest' u f'dan il-kaz, quddiem it-Tribunal sostnew il-Banek, kienet ir-relattivita bejn il-Bank Centrali u ic-Civil minn-naha wahda u bejn it-tlett banek infushom, huwa li jholl u jorbot u x'qed isir f'azjendi ohra assolutament ma jreggix.

<u>House Loans, Profit Sharing, Performance Bonus</u> - Il-Banek irritenew li dawn huma materji li ghandhom jigu kunsidrati semplicement 'fringe benefits' u sostnew li ma kienux sindakabbli ghax kienu semplicement koncessjonijiet u bhala tali il-Boards tal-Banek ghandhom id-diskrezzjoni u l-fakolta' li jibdluhom, inaqqsuhom, iziduhom jew jirtirawhom, kif fil-fatt sar.

Salarji Il-Union, qalu il-Bank, wara li rrealizzat li l-proposti originali taghha ma kienux ser jigu accettati, issottomettiet struttura gdida fl-ambitu tal-'parameters' u fi-sfond tar-relattivita mas-Servizz Civili. Qalet x'qalet il-Union fuq l-oghla salarju, jibqa il-fatt li l-oghla salarju propost mill-Union ma jiksirx ir-relattivita mas-servizz pubbliku. Dwar il-bqija tal-gradi, it-talbiet tal-Union kienu jiksru din ir-relattivita u l-Union ma pruvatx li tiggustifika dan il-break hlief fil-kaz ta' l-iskrivani mhabba l-'entry requirements' li huma ta' levell superjuri minn dawk tac-Civil tal-lum. Il-Bank isostnu li r-relattivita ma tac-Civil ila mir-reorganizzazzjoni tal-Bank Centrali u qatt ghada ma nkissret tant li l-offerta li saret lill-Union mill-Bank saret wara r-revizjoni tas-salarji tac-Civil.

Arretrati Dwar id-data tal-hlas ta' l-Arretrati, il-Bank invokaw l-istess principju ta' relattivita u ghalhekk il-Bank ma jistghux imorru oltre dik id-data li giet applikata fis-Servizz Civili u l-ekwivoku li kien hemm dwar id-data applikabbli ghall-hlas ta' arretrati gie ccarat fl-istqarrija ufficjali tat-12 ta' Awwissu, 1981, (Dok Nru 25).

Overtime Il-Bank anki fuq dan il-punt huma obbligati li jimxu fuq il-bazi ta' hlas li huma applikabbli fis-Servizz Pubbliku u ghalhekk ma jistghux jilqghu talbiet li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet li jezistu fis-Servizz Pubbliku u jhossu li t-Tribunal m'ghandux jikkoncedi 'premium rates' ta' overtime sakemm ma ssirx xi revizjoni fis-Servizz Civili.

Status Quo Clause Il-Bank is-sottomettew bil-qawwa li l-introduzzjoni ta' principji simili jkunu ta' dannu serju biex tigi ezercitata l-'management function' u l-operazzjonijiet u l-efficjenza jistghu jsofru kemm il-darba dan il-principju jigi koncess u b'hekk tintilef il-flessibilita' u jinholoq tfixkil.

Redundancy Payments Dawn ga kienu koperti mill-Conditions of Employment Regulation Act u l-Bank ihossu li huma prekluzi li jintroducu xi kondizzjonijiet jew pattijiet li bihom jiksru ordnijiet u direttivi moghtija lilhom.

.../21

House Loans Bhala 'policy' generali, l-Gvern nieda skema ta' 'home ownership' b'interessi sussidjati lil min irid jibni d-dar fejn joqghod u ghalhekk il-Banek ihossu li ma ghandhomx jaghtu trattament preferenzjali lill-impjegati tal-Banek. Fuq kollox koncessjonijiet simili ma jezistux fic-Civil.

L-Ittra tat-28 ta' Awwissu, 1974 L-Union, qalet li l-ittra mhix direttiva. Il-Banek isostnu li ittri simili jistghu jintbaghtu biss taht Sezzjoni tal-Att tal-Bank Centrali u fl-ebda sezzjoni ohra ta' l-Att ma hemm previst li l-Ministru jista' jaghti direttivi lill-Board tad-Diretturi tal-Banek hlief taht din is-Sezzjoni. Fuq x'kellu f'mohhu l-legislatur il-Banek ma hassewx li kellhom jispekulaw. Dik kienet direttiva u qatt ma npunjaha hatt. Mhux biss hekk izda fil-laqgha tal-21 ta' Marzu 1975 li l-Unions kellhom mal-Prim Ministru l-Unions gew mgharrfa li l-kondizzjonijiet tal-impjegati tal- Mid-Med Bank kellhom ikunu komparabbli ma dawk fis-Servizz Pubbliku u dan sar maghruf ukoll fil-laqgha ghal-membri tal-Mid-Med Bank tad-29 ta' Lulju, 1975 meta l-Union ressqet kopja ta' draft ta' agreement li ntlahaq bejn il-Union, il-Gvern u l-Mid-Med Promoters u dan gie konfermat meta fil-laqgha tat-30 ta' Settembru, 1975 li l-Union accettat il-principju li fl-Mid-Med Bank li kellu jibda jahdem mill-ghada, il-kondizzjonijiet tax-xoghol kellhom ikunu gvernati mis-Servizz Pubbliku - u ta' dan gew kwotati l-minuti.

Il-Banek sostnew li:

1. l-ittra tal-Ministru tal-Finanzi tat-28 ta' Awwissu, 1974 hija direttiva cara, legittima u ghada 'in vigore'.
2. Il-kondizzjonijiet ta' l-impieg fil-Banek Kummercjali minn mindu dawn gew taht il-kontroll tal-Gvern, dejjem kienu u ghadhom allaccjati ma dawk tal-Bank Centrali.

Il-Banek ghekk ma jarawx il-kaz ghala ir-relattivita ma l-ufficjali pubblici ghanda tigi disturbata u ghalhekk jitolbu lit-Tribunal ma jilqax it-talbiet tal-Union.

13. <u>Hsibijiet tat-Tribunal</u> It-Tribunal sema ix-xhieda u ezamina wkoll il-kontenut tad-dokumenti esebiti. Ghalkemm mix-xhieda hareg car li hafna mill-korpi li l-Gvern ghandu nteress li bieh jikkontrollohom, dawn l-istess korpi ma qaghdux ghall-istess pattijiet u kondizzjonijiet tal-Gvern. Minn-naha l-ohra il-Bank Centrali sa mit-28 ta' Awwissu, 1974, kellu direttiva mill-Ministru tal-Finanzi bis-setgha li taghtieh is-Sezzjoni 30 ta' l-Att tal-Bank Centrali li kienet tghid hekk:

> "Whereas I think it is necessary in the national interest to ensure that conditions of service in the Central Bank of Malta being a parastatal body, should be in line with the conditions of service prevailing from time to time in the public service. I hereby direct the Board of Directors of the Central Bank to ensure that conditions of service in the Bank do not in fact go beyond those in the public service."

Il-Banek kummercjali segwew il-Bank Centrali kemm fill-ftehim kollettiv tal-Bank of Valletta kif ukoll f'dak tal-Mid-Med Bank Ltd.

Il-Union fis-sottomissjonijiet finali taw interpretazzjoni differenti tas-setgha tal-Ministru tal-Finanzi taht id-dispozizzjoni ta' l-Artikolu 30 tal-Bank Centrali u dan il-punt legali kien ikun dmir ta' dan it-Tribunal li jidhol fih kieku ma kienx marbut b'artikolu 32(3) ta' l-Att numru XXX ta' 1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali li tant hu car li ma jhalli ebda dubju ghal interpretazzjonijiet differenti. Huwa minnu li l-Boards ta' xi uhud mill-korpi li ghalihom jirriferi l-artikolu 32(3) ma mxewx mal-Gvern f'kollox izda it-Tribunal ma jistghax inqas kieku jrid ghajr li jimxi skond li tghid il-ligi li biha gie stabbilit l-istess Tribunal. It-Tribunal sar jaf anki mill-istess minuti (Dok 22) tas-seduta li saret fil-28 ta' Jannar, 1981, fil-Ministeru tal-Finanzi li l-Union ma qablux illi is-salarji tal-Banek kellhom jigu marbuta ma dawk tas-Servizz Pubbliku, izda kif ga ntqal it-Tribunal jkollu bilfors izomm relattivita.

14. Award It-Tribunal ghalhekk jaghlaq din il-kwistjoni tax-xoghol billi jordna:

Arretrati fuq salarji Dawn ghandhom jithalsu mill-l ta' Jannar, 1980.

Struttura ta' salarji (bazi 1981)

Skala u Struttura ta' Salarji
(Award Nru 121)
Bazi 1981

| GRAD | TALBA TAL UNION £ | AWARD £ | |
|---|---|---|---|
| General Manager | 4514 | 4514 | |
| Asst. General Manager | 4200 | 4048 | |
| Manager III | 4000 | 3808 x 94 - 3902 | |
| Manager II | 3800 | 3341 x 94 - 3714 | |
| Manager I | 3400 x 100 - 3600 | - | Il-grad ta' Manager I ghandu jigi assimilat fil-grad ta' Manager II imma l-Managers I 'in post' ghandhom jitqieghdu fuq skala ta' £3153 x 81 - £3474 x 94 - 3714 |
| Supervisor III | 2700 x 100 - 3200 | 2246 x 68 - 2646 x 81 - 3046 | 30% ta Supervisors I ghandhom jigu promossi Supervisors II "in strict order of seniority" mill-l ta' Ottubru, 1981. |
| Supervisor II | - | 2179 x 68 - 2646 x 81 - 2806 | |
| Supervisor I | 2100 x 100 - 2800 | 2143 x 54 - 2357 x 68 - 2624 | |
| Clerk II | - | 1900 x 54 - 2116 x 54 - 2366 | Grad gdid mill-l ta' Ottubru 1981 50% ta Clerks I jigu promossi Clerks II "in strict order of seniority" mill-l ta' Ottubru, 1981 |
| Clerk I | 1750 x 60 - 2050 x 75 - 2350 | 1745 x 40 - 1923 x 54 - 2179 | |
| Foreman | 1870 x 60 - 2350 | 1769 x 40 - 1958 x 54 - 2272 | |

| GRAD | TALBA TAL UNION £ | AWARD £ |
|---|---|---|
| Messenger II | 1900 x 60 - 2200 | 1769 x 40 - 1958 x 54 - 2050 |
| Telephone Operator/Messenger I | 1630 x 60 - 2050 | 1678 x 40 - 1910 |
| Leading Man/Technician | 1820 x 60 - 2180 | 1756 x 40 - 1944 x 54 - 1997 |
| Tradesman | 1740 x 60 - 2100 | 1691 x 40 - 1958 |
| Night Watchman | 1710 x 50 - 1960 | 1631 x 39 - 1816 |
| Fatigueman | 1610 x 50 - 1860 | 1592 x 39 - 1816 |
| Charwoman | 1530 x 50 - 1780 | 1508 x 27 - 1631 |

Overtime bis-siegha-siegha u nofs It-Tribunal jara li hemm anomalija fil-hlas tal-overtime u ghalhekk jekk u meta din l-istess talba tigi koncessa mill-Gvern, il-Banek ghandhom jilqghu din it-talba minnufieh.

House Loan Scheme at reduced rate of interest

Redundancy Payments

Profit Sharing Scheme

Performance Bonus for Central Bank of Malta

Status Quo Clause

It-Tribunal ma jistghax jilqa ebda wahda minn dawn it-talbiet billi dawn ma jiffurmawx parti mill-pattijiet u kondizzjonijiet ta' l-ufficjali pubblici li mahhom it-Tribunal hu marbut li jzomm relattivita'.

G.A. CRAIG - Chairman

Sonny Borg - Membru

Salvino Spiteri - Membru

Is-Sur Salvino Spiteri jidherlu illi t-Tribunal Industrijali kellu jaghmel rakkomandazzjoni qawwija lill-Managements tal-Banek biex dawn jikkunsidraw serjament it-talbiet tal-Union dwar:

(a) House Loan Scheme at reduced rate of interest,

(b) Redundancy Payments,

(c) Profit Sharing/Performance Bonus for Central Bank of Malta,

u dan billi gie approvat b'mod konklussiv li dawn il-beneficcji jorbtu, anzi kif osserva tant tajjeb wiehed mix-xhieda stess 'jimmazzraw' l-impjegat f'impieg tieghu mal-Banek.

Il-htiega li l-Management tal-Banek jikkunsidraw serjament dawn it-tlett punti tal-Union, tidher car aktar meta wiehed jiehu konsizzjoni ta' l-exodus ta' impjegati li l-Banek qed ikollhom. Dan l-exodus ma jistax ma jkunx ta' dannu ghall-Banek kif hareg car mix-xhieda li nstemghat quddiem it-Tribunal.

Fuq il-kwistjoni ta' l-'Status Quo' l-Managements tal-Banek ghandhom id-dmir li jassiguraw li l-Union tinghata kull opportunita permezz ta' konsultazzjonijiet xierqa u fil-hin u fejn jinhass il-bzonn, jinzammu negozzjati mal-Union biex jigu evitati sitwazzjonijiet ta' "fait accompli" ghall-Union li ma jistghux igibu ghajr inkwiet industrijali.

Salvino Spiteri
Membru

A. Bartolo Parnis
Segretarju

~~24~~ 28 ta' Mejju, 1982

ja